# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Rikors numru 12/99B**

**Numru 1**

**Paul Cachia**

**vs**

**Michelina Callus**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. Illi l-esponenti huwa proprjetarju ta' porzjoni raba bil-kejl superficjali ta' tmien titmiem hames sighan u tlett kejliet, imsejjha "Ta Wied ix-Xiakka" sive ta' l-Imwadghar" formanti parti mit-territorju "Ta' Benghajsa" jew "Ta Calafrana" li qeghda fil-kontrada bl-istess ismijiet, limiti ta' Birzebbugia, u dan permezz ta' kuntratt

datat l-10 ta' Novembru, 1956 (kopja tal-kuntratt anness mar-rikors u mmarkata Dokument A).

2. Illi l-imsemmi porzjoni raba huwa mikri lill-intimata bil-kera ta' sitt Liri Maltin (Lm6.00) fis-sena, li tithallas kull sena fil-15 ta' Awissu;

3. Illi l-esponenti irid ir-raba lura ghal skopijiet agrikoli ghall-membru tal-familja tieghu, in kwantu li din il-persuna trid tahdem ir-raba hija stess, u dan ghall-perjodu indefinit, liema perijodu jeccedi minimament erba (4) snin;

4. Illi ghalkemm l-esponenti interpella lill-intimata sabiex tivvaka r-raba in kwistjoni, dina baqghet inadempjenti.

Talab bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendi pussess tar-raba fuq deskritt, fit-terminazzjoni tal-qbiela prezenti, tillikwida kull kumpens dovut okkorrendo li talvolta jkun dovut lill-intimat, biex fi zmien qasir u perentorju tizgombra mill-imsemmija raba u thalliha libera favur l-esponenti.

Ra d-dokument markat Dok A anness mal-istess rikors.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2001 minn fejn jidher li Carmelo Callus, bin l-intimata iddikjara li dan il-kaz ma kienx ser jigi kontestat stante li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet involuti anke in rigward il-kumpens dovut (fol 27 tal-atti).

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2001.

Ra l-atti kollha.

Ikkunsidra

Illi, a basi ta' dak verbalizzat waqt is-seduti tat-22 ta' Gunju 2001 u tat-23 ta' Novembru 2001, jidher li l-partijiet involuti f'dan il-kaz ittransigew dan il-kaz, liema transazzjoni, pero', ghandha tigi rikorporata f'din is-sentenza skond ir-rieda tal-istess partijiet.

Illi, fis-seduta tal-23 ta' Novembru 2001, l-Avukati rispettivi tal-partijiet ivverbalizzaw li dan il-kaz gie transatt kif ser jinghad:-

a) L-intimat ghandu jirrilaxxja r-raba in kwistjoni sa zmien gimgha mid-data ta' din is-sentenza.

b) Da parti tieghu r-rikorrenti ghandu jhallas kumpens ta' Lm100 lill-intimat.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

a) jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendi l-pussess tar-raba' imsejjha "Ta' Wied Xiakka" sive "ta' l-Imwadghar" formanti parti mit-territorju ta' Benghajsa" jew "ta' Kalafrana" fil-kontrada bl-istess ismijiet, limiti ta' Birzebbugia u tal-kejl superficjali ta' tmint itmien, hames sighan u tlett kejliet (8T.5S.3K) u dan sat-tlieta (3) ta' Dicembru, 2001;

b) jordna lir-rikorrenti sabiex jhallas lill-intimat is-somma miftehma ta' Lm100.

In rigward l-ispejjes, fid-dawl tal-premess, kull parti tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur